MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2011

Numru. 1227/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Sandra Zammit**

**vs**

**Frankie Falzon**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Frankie Falzon, bin Alfred u Mary Grace nee' Azzopardi, imwieled Hal-Qormi fit-30 ta' Jannar 1978 u residenti gewwa Romatic, Flat 3, Triq F. Farrugia, Haz-Zebbug, detentur tal-karta tal-identita' numru 138078(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fit-30 ta’ Settembru 2010 ghall-habta ta’ bejn t-07.50pm u t-08.15pm gewwa Nru. 28, Soleado, Triq id-Deheb Fin, Hal-Qormi kkommetta hsara volontarja fuq mejda a detriment ta’ Doris Briffa, liema hsara ma teccedix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), izda teccedi l-mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47);

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna lil Doris Briffa u lil Gary Azzopardi biza li ser jintuzaw vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta’ taghhom;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qqal kliem oxxen li jikkonsisti f’dagha;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi kliem insolenta u hedded lil Doris Briffa;

Sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Kiser il-provediment tal-‘Conditional Discharge’ fejn kien gie misjub hati, b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta).

L-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, meta jidrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta’ Novembru 2010 (esebit *a folio* 6 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-29 t’Ottubru, 2010 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat Frankie Falzon ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu hekk kif registrata fl-udjenza tal-10 ta’ Gunju 2011.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Rat li l-parti leza Doris Briffa meta xehdet f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-10 ta’ Gunju 2011 iddikjarat li kienet qed tahfer lill-imputat ghal dak li gara u kkonfermat li hija kienet giet rimborsata mill-imputat ghall-hsara lilha kagunata.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat Frankie Falzon, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-parti leza rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat kif ukoll il-fatt li hija giet rimborsata mill-istess imputat ghad-danni minnha subiti. Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat ghandu problema serja ta’ abbuz mill-alchohol izda jidher li huwa jixtieq jeghleb din il-problema u fic-cirkostanzi l-Qorti jidhrilha li ghandha timponi Ordni ta’ Probation fejn wahda mill-kundizzjonijiet tkun li l-imputat ghandu jsegwi programm ta’ riabilitazzjoni kontra l-abbuz mill-alchohol.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325, 251B, 338(bb). 339(1)(e), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligiijet ta’ Malta kif ukoll l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda taghmel Ordni ta’ *Probation* li permezz tieghu tqieghed lill-hati Frankie Falzon taht is-sorveljanza ta’ l-ufficjal tal-*probation* illi ghandu jigi

assenjat skond il-ligi u dan ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum u taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta' probation ta' tlett snin Frankie Falzon ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.
2. L-Ufficjal tal-P*robation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' Frankie Falzon kull sitt(6) xhur bil-miktub.
3. Frankie Falzon ghandu javza mmedjatament lill-Ufficjal tal-P*robation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.
4. Li ghandu jzomm ruhu f' kuntatt ma' l-Ufficjal tal-Probation skond id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat ta' l-istess Ufficjal tal-Probation.
5. Frankie Falzon ghandu jibda immedjatament programm sabiex jeghleb il-problema tal-abbuz mill-alchohol.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lil hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-Ufficjal tal-P*robation idoneju* ghall-hati.

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

**ORDNI TA' PROBATION**

*(MAGHMUL SKOND L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)*

**Magistrat: DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum: 17 ta' Gunju 2011**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**Frankie Falzon**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, Frankie Falzon gie misjub hati kif imfisser fl-istess sentenza u gie mpoggi taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' *Probation*;

Wara li fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' *Probation* (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' tlett (3) snin, ikun jista' jigi kkundannat ghar-reat li ghalih qieghed tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hati wera li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation*;

Ghalhekk **tordna** li l-hati Frankie Falzon li joqghod Romantic, Flat 3, Triq F.Farrugia, Haz-Zebbug detentur tal-karta tal-identita' numru 138078(M) ikun ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum taht is-sorveljanza ta' Ufficjal ta' Probation taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perijodu ta' probation ta' snin Frankie Falzon ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-Ufficjal tal-P*robation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' Frankie Falzon kull sitt (6) xhur bil-miktub.
3. Frankie Falzon ghandu javza mmedjatament lill-Ufficjal tal-P*robation* b'kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.
4. Li ghandu jzomm ruhu f' kuntatt ma' l-Ufficjal tal-Probation skond id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat ta' l-istess Ufficjal tal-Probation.
5. Frankie Falzon ghandu jibda immedjatament programm sabiex jeghleb il-problema tal-abbuz mill-alchohol.

**Frankie Falzon**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------